MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 860/2001/1

**Falcon Tours Limited**

**Vs**

**Antoinette Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Mejju, 2001, li in forza taghha, wara li eccepiet illi l-konvenuta kienet impjegata tas-socjeta' attrici fuq kuntratt ta' impieg ghal zmien definit, liema kuntratt gie iffirmat miz-zewg partijiet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju, 1996, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Ippremettiet illi l-konvenuta itterminat unilateralment, bi ksur ta' l-istess kuntratt, l-impieg taghha prematurament, jigifieri fit-30 ta' Novembru, 1997, minflok fid-data miftehma, jigifieri fil-30 ta' Settembru, 1998;

Ippremettiet illi ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija (50%) ta' dak li kienet ser tithallas ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt fuq imsemmi, ammontanti ghas-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 1,250) u dan *a tenur* tal-*Artikolu* 34(12) tal-*Kapitolu* 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ippremettiet illi l-konvenuta rceviet l-ammont ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm 183) ghan-nom tas-socjeta' attrici, liema somma qatt ma giet imhallsa lura lis-socjeta' attrici;

Ippremettiet illi ghalhekk, is-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuta fl-ammont totali ta' elf erba' mija tlieta u tletin lira Maltin (Lm1,433);

Ippremettiet li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont, izda baqghet inadempjenti.

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici li l-konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta kisret il-kuntratt ta' l-impieg ghal zmien definit meta hija telqet mill-istess impieg taghha mas-socjeta' attrici prematurament;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta rceviet l-ammont ta' mija u tlieta u tmienin lira Maltin (Lm 183) ghan-nom tas-socjeta' attrici, liema somma qatt ma giet imhallsa lura lis-socjeta' attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija ta' dak li kienet ser tithallas l-istess konvenuta ghall-perjodu rimanenti tal-imsemmi kuntratt, amontanti ghas-somma ta' elf mitejn u hamsin lira (Lm 1,250), jew somma verjuri li tista' tigi stabbilita minn dina l-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ mija u tlieta u tmienin lira Maltin (Lm 183) rapprezentanti flus ricevuti mill-konvenuta ghan-nom tas-socjeta’ attrici, liema somma qatt ma giet imhallsa lura lis-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 1998, u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha din eccepiet illi;

1. Preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni *odjerna stante* li ma jezisti l-ebda kuntratt ta’ servizz bejn il-partijiet li kien iffirmat fil-25 ta’ Lulju, 1998 u li kellu jittermina fil-25 ta’ Lulju, 1999;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt ta’ impjieg ezistenti bejn il-partijiet kien gie terminat bil-kunsens taz-zewg partijiet, wara li l-istess konvenuta kienet ikkonsenjat ittra ta’ terminazzjoni ta’ impjieg, liema ittra kienet giet accetata mis-socjeta’ attrici;

3. Illi f’kull kaz it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-eccipjenti kienet qieghda ssofri minn kundizzjoni psikologika li kienet taghmilha impossibbli ghaliha li twettaq l-obligi taghha, liema kundizzjoni hija raguni tajba *a tenur* ta’ l-*artikolu* 34(14) ta’ Kapitlu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex kellha tittermina l-impieg, kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi *di piu’* l-eccipjenti qatt ma rceviet somma ta’ mija tmienja u tletin lira Maltin (Lm 138) minghand is-socjeta’ attrici u *kwindi* l-eccipjenti m’ghandha trodd lura xejn;

5. *Salv* eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Frar, 2002, li in forza tieghu awtorizzat *diversi* korrezzjonijiet fl-att tac-citazzjoni;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-18 ta’ Gunju, 2002, fejn il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi b’kuntratt ta’ impieg datata 25 ta’ Lulju, 1996, il-partijiet f’din il-kawza dahlu f’relazzjoni ta’ sid u impjegat, bil-konvenuta timpjega ruhha ghal zmien definit, u cioe’, ghal zmien sentejn u tlett xhur, mill-10 ta’ Gunju, 1996, sat-30 ta’ Settembru, 1998. Il-konvenuta bdiet tahdem mas-socjeta’ attrici, izda b’ittra datata 13 ta’ Ottubru, 1997, il-konvenuta infurmat lis-socjeta’ attrici li hi kienet se tieqaf tahdem maghha fi zmien sitt gimghat ohra. Il-kumpanija attrici infurmata b’ittra tal-11 ta’ Novembru, 1997, li hija kienet marbuta b’kuntratt definit regolat bil-ligi ta’ Malta, u wissietha bil-konsegwenzi legali f’kaz li hi ma tonorax il-kuntratt. Il-konvenuta, pero’, ma resqetx aktar ghax-xoghol mit-30 ta’ Novembru, 1997. La darba l-konvenuta itterminat l-impieg taghha unilateralment, u la darba l-impieg taghha kien regolat ghal zmien definit, hija ghandha thallas lis-socjeta’ attrici nofs l-ammont ta’ dak li kienet tithallas, jigifieri, nofs is-salarju taghha, ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt, u dana ai termini tal-ligi allura vigenti, cioe’, l-artikolu 34(12) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta, fil-fatt, waqfet tahdem ghaxar xhur qabel iz-zmien patwit. Fuq salarju ta’ elfejn tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm 2880) fis-sena, jigifieri mitejn u erbghin lira Maltin (Lm 240) fix-xahar, jigi li l-konvenuta naqset li tahdem ghall-ekwivalenti ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (Lm 2400), (Lm 240 x 10), u peress li trid thallas

lura nofs din is-somma, hija trid thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm 1200).

Il-konvenuta ma resqet ebda gustifikazzjoni ghala itterminat l-impieg taghha mas-socjeta’ attrici. Hi tallega li kellha “kundizzjoni psikologika li kienet taghmilha impossibli ghalija li twettaq l-obbligi taghha”, pero’, ma resqet ebda prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni u bl-ebda mod ma spjegat in-natura ta’ din il-kundizzjoni psikologika u l-effetti taghha, u dan avvolja inghatat l-opportunita’ li taghmel dan.

Lanqas ma irrizulta li t-terminazzjoni tal-impieg sar “bil-kunsens taz-zewg partijiet”. Ovvjament, jekk haddiem irid jirrizenja mix-xoghol, is-sid ma jistax izommu jew jinsisti mieghu li jkompli jahdem; min ihaddem irid bil-fors jaccetta dik ir-rizenja, pero’, dan ma jfissirx li r-rizenja tkun saret bil-kunsens ta’ min ihaddem. F’kaz ta’ kuntratt definit, min ihaddem xorta wahda jibqghalu d-dritt li jitlob il-kumpens kontemplat fil-ligi (speci, ta’ danni pre-likwidati), meta l-haddiem jirrizenja minn rajh.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta’ attrici ghal hlas ta’ nofs is-salarju dovut hija gustifikata.

Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll r-rifusjoni tas-somma ta’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm 183), bilanc minn somma akbar, li l-konvenuta zammet ghaliha meta irceviet hlas dovut lill-kumpanija. Is-somma misapproprijata kienet ta’ l-erba’ mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm 425.25), pero’, wara li s-socjeta attrici zammet mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin u erba’ u tmenin centezmu (Lm 241.84) minn pagament dovut lill-konvenuta, fadal bilanc ta’ mija u tlieta u tmenin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm 183.41) li l-konvenuta ghad trid tirrifondi. Din il-pozizzjoni giet spjegata mill-Managing Director tas-socjeta’ attrici, u din il-Qorti, *anke* fin-nuqqas ta’ xhieda kontraditorja, ma tarax ghaliex m’ghandhiex taccetta din il-versjoni tas-socjeta’ attrici.

Din il-pretensjoni, *kwindi*, tirrizulta li hi wkoll gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u wara li tilqa' *in parte* t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tlieta u tmenin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm 1383.41), bl-imghax legali ta' 8% mill-1 ta' Jannar, 1998 (data ta' l-ittra ufficcjali interpellatorja), sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------